MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-8 ta' Frar, 2017

Rikors Maħluf Numru 2/2017LM

**Avukat Dottor Tonio Grech bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera KPI Bridge Oil Ltd., reġistrata Grand Cayman, Cayman Islands**

**vs.**

**Il-bastiment m.v. SOFIA (Numru IMO 9405617)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-3 ta' Jannar, 2017 mill-Avukat Dottor Tonio Grech bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera attriċi **KPI Bridge Oil Ltd.**, reġistrata Grand Cayman, Cayman Islands**,** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), li jgħid hekk:

*Illi l-bastiment intimat huwa debitur tas-soċjetà rikorrenti fl-ammont ta'*

*tmienja u tletin elf, mija u ħames dollari Amerikani (USD 38,105] ekwivalenti għal sitta u tletin elf, erba' mija u ħdax-il Euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (EUR 36,411.85) bir-rata ta' 1 Eur = USD 1.0465, rappreżentanti ammont dovut rigward prezz ta' bunkers konsenjati fuq il-bastiment intimat.*

*Illi l-bunkers konsenjati lill-bastiment intimat huma dawk indikati fil-fattura Dok. A u fil-confirmation order Dok. B, u kif konfermati fid-delivery orders Dok. C u Dok. D, kif ukoll dawk indikati fil-fattura Dok. E u fil-confirmation order Dok. F.*

*Illi l-bunkers indikati fid-Dok. E u Dok. F ġew konsenjati lill-bastiment intimat mis-soċjetà KPI Bridge Oil A/S iżda l-kreditu ġie assenjat mis-soċjetà KPI Bridge Oil A/S lis-soċjetà rikorrenti permezz tad-deed of assignment Dok. G.*

*Illi l-bastiment intimat minkejja li ġie interpellat sabiex iħallas l-ammont minnu dovut baqa' inadempjenti;*

*Illi l-ammont mitlub huwa ċert, likwidu u dovut u, fil-fehma tar-rikorrenti, il-bastiment intimat m'għandux ebda eċċezzjonijiet x'jissolleva kontra t-talbiet attriċi;*

*Għaldaqstant, huwa applikabbli għal dawn il-proċeduri d-dispożizzjonijiet għad-dispenza mis-smigħ tal-kawża a tenur tal-artikolu 167 et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*Jgħid għalhekk, il-bastiment intimat, għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandiex prevja kwalunkwe dikjarazzjonijiet, ordnijiet u/jew proċedura neċessarji u opportuni :-*

1. *Taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa mis-smigħ tal-kawża a tenur tal-artikolu 167 et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċeduri Ċivili;*

2. *Tiddikjara lill-bastiment intimat m.v. Sofia (Numru IMO 9405617) debitur tas-soċjetà rikorrenti fl-ammont ta' tmienja u tletin elf, mija u ħames dollari Amerikani (USD 38,105] ekwivalenti għal sitta*

*u tletin elf, erba' mija u ħdax-il Euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (EUR 36,411.85) bir-rata ta' 1 Eur = USD1.0465, u konsegwentement*

3. *Tikkundanna lis-socjetà intimata tħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma komplessiva ta' tmienja u tletin elf, mija u ħames dollari Amerikani (USD 38,105] ekwivalenti għal sitta u tletin elf, erba' mija u ħdax-il Euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (EUR 36,411.85) bir-rata ta' 1 Eur = USD 1.0465, rappreżentanti ammont dovut rigward prezz ta' bunkers konsenjati fuq il-bastiment intimat.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar 'il fuq minn għaxar metri (kawtelatorju) Numru 1840/16, u bl-interessi kummerċjali skont il-liġi sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-bastiment intimat li huwa minn issa stess inġunt għas-subizzjoni.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti mis-soċjetà attriċi.

Rat illi għalkemm il-bastiment konvenut **il-bastiment m.v. SOFIA** (minn issa 'il quddiem "il-bastiment konvenut"), kien debitament notifikat, waqt is-smigħ tat-30 ta' Jannar, 2017 ma deher ħadd għalih u ma deher ħadd biex jassistih biex iwieġeb għat-talbiet tas-soċjetà attriċi.

Rat l-affidavit tal-Avukat Dottor Tonio Grech, bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera KPI Bridge Oil Ltd., reġistrata Grand Cayman, Cayman Islands[1], ippreżentat *seduta stante* waqt is-smigħ tat-30 ta' Jannar, 2017, li bil-ġurament

[1] A fol. 21 tal-proċess.

tiegħu kkonferma illi sad-data meta sar l-affidavit, is-26 ta' Jannar, 2017 ma tħallasx xejn lis-soċjetà attriċi mill-bastiment konvenut mill-ammont dovut lilha ta' tmienja u tletin elf, mija u ħames dollari Amerikani (USD 38,105] ekwivalenti għal sitta u tletin elf, erba' mija u ħdax-il Euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (EUR 36,411.85).

Rat il-verbal tal-udjenza tat-30 ta' Jannar, 2017 fejn il-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum għas-sentenza.

<u>**Decide**</u>

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

**1. Tilqa' l-ewwel talba u taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

**2. Tiddikjara lill-bastiment konvenut m.v. Sofia (Numru IMO 9405617) debitur tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' tmienja u tletin elf, mija u ħames dollari Amerikani (USD 38,105] ekwivalenti għal sitta u tletin elf, erba' mija u ħdax-il Euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (EUR 36,411.85) bir-rata ta' 1 Eur = USD1.0465, u konsegwentement;**

**3. Tikkundanna lill-bastiment konvenut m.v. Sofia (Numru IMO**

**9405617) iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma komplessiva ta' tmienja u tletin elf, mija u ħames dollari Amerikani (USD 38,105] ekwivalenti għal sitta u tletin elf, erba' mija u ħdax-il Euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (EUR 36,411.85) bir-rata ta' 1 Eur = USD 1.0465, rappreżentanti ammont dovut rigward prezz ta' *bunkers* konsenjati fuq il-bastiment konvenut.**

**Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar 'il fuq minn għaxar metri (kawtelatorju) Numru 1840/16, u bl-imgħaxijiet kummerċjali skont il-liġi sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-bastiment konvenut.**

Moqrija.